# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat

## GĦAXAR LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 21

15 ta' Jannar 2026

Il-Kunsilli Lokali Ta' Sannat iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz fi Triq Sannat, Ta' Sannat fis-4.50pm.

PREŻENTI:

Philip Vella – Sindku
Philip Cassar – Viċi Sindku
Frances Galea – Kunsilliera
Maria Cassar Sultana – Kunsilliera
Franco Bajada - Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI [Skont Ordni Permanenti 14A(3)]:

Ħadd

ASSENTI

Ħadd

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Jeanette Grima – Segretarju Eżekuttiv

# Aġenda Nru. 21

21.1 Qari tal-ittri ta’ apoloġiji;
21.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti preċidenti Nru. 20;
21.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
21.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
21.5 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv;
21.6 Konsultazzjoni mal-pubbliku rigward it-*traffic management*
21.7 Parteċipazzjoni tal-Kunsill Lokali Ta’ Sannat fl-Inizjattiva European Region of Gastronomy
21.8 Attivitajiet Karnival, Dramm tal-Għid, Jum Sannat u Wine Festival
21.9 Ilmenti u Suġġerimenti;
21.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta’ pagamenti;
21.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta tal-laqgħa li jmiss;

## Minuti

Is-Sindku ppresjeda l-laqgħa wara li ntqalet it-talba tal-bidu.

## 21.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

21.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

## 21.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 20

21.2.1 Il-Kunsill għadda mill-ewwel għall-minuti tal-laqgħa preċedenti Nru.20 li dawn kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Dawn il-minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill preżenti. Dawn ġew iffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## **21.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

21.3.1 Is-sindku beda l-komunikazzjoni tiegħu billi qal, li illum se tittella' laqgħa pubblika bħala konsultazzjoni marbuta mat-*traffic management* propost. Il-kunsill, wara numru ta' laqgħat u diskussjonijiet ma' l-istakeholders prinċipali u l-esperti fil-qasam, se jipproponi dan il-pjan, wara numru ta' xhur li kien qed jaħdmu fuqu. Il-pubbliku se jkun mistieden jagħti l-opinjoni tiegħu w anki jressaq proposti ġodda.

21.3.2 Rigward Triq Xamgħan, kif jafu tajjeb il-kunsilliera, persess li s'issa ngħatat kisja waħda ta' asfaltar, it-toroq li jmissu ma' Triq Xamgħan, jiġifieri, Triq Il-Blata, Triq il-Falkun, Triq Vincenzo Caruana Spiteri, hemm qisu xifer ta' dizlivell, fejn ċertu sewwieqa qed iħokku ma' l-art il-karozzi tagħhom. Għalhekk, il-kunsill ser jagħmel talba lill-kuntrattur, biex jagħmel forma ta' rampa, biex jitneħħa dan l-inkonvenjent għas-sewwieqa.

21.3.3 Kif kien miftiehem f'laqgħat preċedenti, illum ġie l-botanista biex jara x'tip ta' siġar hemm preżentament fil-playing field ta' Triq Marziena. B'mod formali, issa l-kunsill ser jitolbu stima biex dawn is-siġar jinqalew u jitħawwlu f'post ieħor. Illum stess, waqt li kienu fuq il-post, is-sindku saqsa lill-botanista, jekk l-Awrikarja li hemm fil-playing field tistax tinqala' u titħawwel fil-pjazza Santa Margerita. Il-botonista ta' l-parir b'mod informali li din it-tip ta' siġra tista' tinqala' u titħawwel f'post ġdid, peress li hija siġra b'saħħitha u lanqas hija protetta, peress li m'għandhiex iktar minn għoxrin/ ħamsa u għoxrin sena. Is-sindku kkonferma, li jekk iġibu l-permessi neċessarji fosthom ta' ERA, din l-Awrikarja tista' tinqala' u titħawwel flok is-siġra l-kbira li kien hemm fil-pjazza. Kif imsemmi, l-botonista se jintalab

stima biex eventwalment jagħmel rapport neċessarju biex jitla' quddiem il-bord ta' L-ERA. Il-botonista huma tal-fehma, li jekk isir il-proġett imsemmi tal-playing field, jitħawwlu siġar nazzjonali, jiġifieri siġar lokali, li jistgħu jagħmlu l-frott, bħal- ċitru u żebbug ta'Malta. Il-botonista jrid ikun jaf kemm il-perit skond il-pjanti proposti, kemm ħalla fond ta' ħamrija fuq is-saqaf tal-parking. Is-sindku qal, li jekk mhux sejjer żball, il-perit ħalli xi metru ħamrija, imma jekk ikun hemm possibilta', jitkellmu mal-perit jekk jistgħux iżidu l-fond tal-ħamrija.

21.3.4 Marbuta mal-Kalakara tal-Ġir, is-sindku kkonferma li l-kuntrattur ma ġiex biex ikompli x-xogħlijiet. Fil-fatt il-perit bagħtilhom bil-miktub biex jara meta sa jitkompla x-xogħol. Il-viċi sindku saqsa, jekk jistgħux iqabbdu xi nies minn ta' Sannat stess biex ikomplu x-xogħlijiet, pero', s-sindku wieġeb, li dan it-tender ġie mirbuħ u anki kien l-uniku offerent li kien hemm. Dan il-proġett qed isir b'fondi tal-LESA, li minn naħa tagħhom qed jagħmlu pressjoni biex il-proġett jitlesta'. Is-sindku saħaq li diffiċli biex isibu min jagħmel dan ix-xogħol, anki għal-fatt, li l-kalkara għandha bżonn kbir, ta' xogħlijiet ta' restawr. Il-kunsilliera Cassar Sultana pproponiet jekk għandhomx jitolbu l-għajnuna tal-ħaddiema fi ħdan il-Ministeru t'Għawdex u l-ippjanar li jaħdmu fuq restawr, bis-sindku jwieġeb, li fil-waqt li jikkonferma kemm dawn il-ħaddiema jagħmlu xogħol tajjeb, pero', dawn il-ħaddiema għad għandhom xogħol pendenti fil-pjazza marbuta ma' l-istatwi l-qodma. Is-sindku għamilha ċara mal-kuntrattur li hemm bżonn jitlesta l-proġett, għax ma jistgħux japplikaw għal-fondi oħra tal-LESA jekk ma jlestux dan il-proġett. Jekk is-*sub contractor* imqabbad mil-kuntrattur mhux qed jiġi, l-kuntrattur għandu r-responsabilta' biex jara x'ħa jagħmel. Is-sindku semma wkoll, li biex jgħid il-verita' kollha, l-kuntrattur mgħandux tort sa barra, għax il-perit tal-kunsill meta applika fl-2020, kien applika bħala *danger structure*, pero' mill-awtorita ta' l-ippjanar saħqu li l-kunsill irid japplika bħala *full development permit*. Minn naħa ta' SCH, riedu jiġu fuq il-post jimmarkaw il-ġebel, biex wara jsir rapport tal-perit. Inħolqot imbagħad il-kwistjoni marbuta mas-saħħa u sigurta, fejn rrimakaw li l-scaffolfing mhux qiegħed sew u anki li ġebel ma kienx hawn maqtugħ mill-barriera. Kien hemm katina ta' ċirkustanzi li telfu l-andament ta' dan il-proġett, pero', issa huwa mportanti li jitlesta għax qed tiddeterjora b'ritmu mgħaġġel.

21.3.5 Il-kunsill reġa bagħat reminder biex ikollu risposta dwar il-fondi mitluba marbuta mal-proġett tal-belvedere ta' Triq it-28 t'April.

21.3.6 Is-sindku kellem lill-perit fuq il-possibilta' li jsir *service culvert* baxx mis-substation ta' fejn il-MUSEUM għas-sqaq li jagħti lejn il-pjazza Santa Margerita. Dan hu maħsub biex jekk ikun hem xi ħsarat f'xi cable, jinġibed u jkun jista' jitbiddel. Il-perit ġie mitlub biex jagħti stima ta' kemm ġej jiswa dan is-*service culvert*, biex tkun tista' toħroġ tender. Huma maħsub ukoll li jsir sodda tal-konkos u titpoġġa canġatura mill-porfida li baqa' għad-dispozizzjoni meta saret Pjazza San Franġisk fir-Rabat Għawdex. Il-kunsill għandu emejl ta' konferma mingħand id-direttur ġenerali, biex dan jintuża. Jekk dan il-proġett jirnexxi, jistgħu jitwaħħlu żewġ fanali u anki jitħawwlu xi pjanti bil-fjuri. Il-kunsillier Bajada semma li kien hemm maħsub li titpoġġa bollard, bis-sindku kkonferma, pero', din għadha ma tpoġġietx.

21.3.7 Rigward il-pjazza Santa Margerita, il-bonavostri għandhom jitkomplew jitwaħħlu, u l-ħġieġ għadu ma twaħħalx u minħabba dan il-fatt għadhom ma twaħħlux l-angles tal-parking bays. Is-sindku saħaq, li bħala kunsill qed jiġru wara dawn il-kuntratturi biex dawn ikomplu x-xogħol. Il-kunsillier Bajada qal, li qed jissoponu li ż-żebgħa taż-żebra crossing jsir wara,

bis-sindku jgħid, li anki t-tabelli se jitwaħħlu wara, għajr tad-disabled, li tista' titwaħħal minnufih.

## 21.4 Mistoqsijiet mill-kunsillieri

21.4.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-kunsillieri.

## 21.5 Komunikazzjoni mis-segretarju eżekuttiv

21.5.1 Is-segretarju eżekuttiv fakkret lill-kunsilliera li qed tibagħtilhom emejls u ċirkulari ta' informazzjoni li l-kunsill ikun qed jirċievi.

21.5.2 Il-viċi sindku kkonferma mas-segretarju eżekuttiv li ser jattendi għal-laqgħa tar-reġjun t'Għawdex, liema laqgħa ser jsir fi-23 ta' Jannar.

## 21.6 Konsultazzjoni mal-pubbliku marbuta mat-traffic management

21.6.1 Kif semma s-sindku fil-komunikazzjoni tiegħu fil-bidu ta' din il-laqgħa, illum ser tittella' laqgħa' ta' konsultazzjoni pubblika fuq it-*traffic management* propost.

## 21.7 Parteċipazzjoni tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat fl-Inizjattiva European Region of Gastronomy

21.7.1 Is-sindku qal, li bħala kunsill xi sentejn u nofs ilu, kien applika biex jorganizza xi attivita marbuta mal-*European Region of Gastronomy 2026*. L-applikazzjoni tikkonsisti fost oħrajn, fi platti ta' ikel tradizzjonali biex eventwalment isir ktieb bir-riċetti li jkun jista' jitqassam fid-djar tar-residenti Sannatin. Hemm applikazzjoni tal-GAGF għal-fondi relatati ma' din l-inizzjativa, u fil-fatt il-kunsill diġa għamel l-ewwel laqgħa ma' SEM biex jagħtu l-għajnuna tagħhom biex il-kunsill jkun jista' japplika għal dawn il-fondi. F'din il-laqgħa ġie spjegat, li bħala kunsill xorta jridu jitolbu għal fondi addizzjonali mil-ministeru għal Għawdex. Il-massimu li bħala kunsill jista' jieħu mill-GAGF huwa ta' ħamsin elf (€50,000) li minnhom

ħames t'elef (€5,000) imorru għal entertainment. Huwa propost, li tittella *event* fejn ikun hemm stalls b'ikel tradizzjonali, u naturalment, ikun hemm entertainment biex in-nies iktar tikkonkorri. Is-sindku qal, li bħala data mhemm xejn maħsub u definit, imma qed jaħseb, li idejali tkun għal nofs Ottubru, biex ikun laħaq ħareġ ir-riżultat u jaraw il-budget disponibbli. Fuq l-applikazzjoni kien hemm ukoll miktub li jsiru xi klassijiet tat-tisjir, immirati kemm għat-tfal, żgħażagħ, kif ukoll għal adulti. Is-sindku semma ukoll, li fir-raħal ta' Sannat, hemm persuna li għalkemm mhijiex mir-raħal Ta' Sannat, marret l-EXPO fil-Ġappun, u żgur li din il-persuna se tagħti idejat kif tista' tittella din l-attivita'.

21.7.2 17.12 il-laqgħa ġiet sospiża

21.7.3 17.13 il-laqgħa tkompliet

21.7.4 Il-kunsilliera qablu b'mod unanimu li l-kunsill għandu jkompli jmexxi b'din l-applikazzjoni, konxji anki għal-fatt, li fir-raħal ta' Sannat hawn nies ta' talent li jistgħu jikkontribwixxu. Il-kunsill ser jagħmel avviż fuq il-paġna soċjali biex iħajjru nies mir-raħal biex jagħtu kontribwit f'din l-imsemmija attivita.

## 21.8 Attivitajiet Karnival, Dramm tal-Għid, Jum Sannat u Wine Festival

21.8.1 Id-dramm tal-passjoni ta' din is-sena ser ikun jismu 'Waslet is-siegħa' u ser tittella s-Sibt filgħaxija eżattament fil-21 ta' Marzu. Dan id-dramm ser jittella' filgħaxija għax id-direttur artistiku jixtieq li joħorġu l-effett ta' dwal artifiċjali. Is-sindku ħeġġeġ lill-kunsilliera, li jekk ikunu jafu xi nies li jixtiequ jieħu sehem f'dan id-dramm jersqu l-quddiem. Is-sindku kkonferma, li s'issa diġa hemm sebgħa u għoxrin (27) persuna li ser jieħdu sehem.

21.8.2 L-attivita' tal-Karnival ser tittella' fid-disgħa(9) ta' Frar fis-sebgħa (7:00 p.m.) ta' filgħaxija. Is-sindku kkonferma, li hemm interess qawwi, fejn hemm diġa numru sabiħ ta'parteċipanti li jixtiequ jieħdu sehem. Il-budget għal din l-attivita huwa wieħed limitat, pero', il-kunsill qed jiffinalizza l-programm finali u konvinti li ser ikun hemm attivita' mimlija kuluri. Ser jitwaħħlu wkoll xi posters fil-pjazza biex tiġi rriklamat dan il-karnival f' Ta' Sannat.

21.8.3 L-attivita' ta' Jum Sannat, din is-sena se taħbat fl-ewwel ta' Mejju. Peress li f'din il-ġurnata toħroġ purċissjoni ta' San Ġuzepp mill-knisja parrokjali, l-istage tal-Wine festival jibda jintrema' dritt wara biex ma jtellef xejn. Għalhekk, l-attivita ta' Jum Sannat hija maħsuba li jsir fil-25 t'April fis-sala ta' l-iskola primarja. Il-kunsilliera qablu li jsir f'din id-data, u fil-laqgħat li jmiss ser njiddiskutu l-program ta' Gieħ Sannat.

21.8.4 Kif diġa ssemma f'laqgħat preċedenti, il-Wine Festival ser isir is-Sibt 2 ta' Mejju, aktar dettalji ser jingħataw fi żmien li ġej.

21.8.5 Għal din is-sena wkoll, il-kunsill reġa' għandu talba mis-Sur Charles Pisani biex jerġa jagħmel il-wirja tal-Ġimgħa l-Kbira. Il-kunsilliera ma jsibux oġġezzjoni.

## 21.9 Ilmenti u suġġerimenti

21.9.1 B' referenza għall-ilment 135/2025, il-Kunsill talab l-għajnuna tal-ħaddiema tal-MGOZ permezz tas-sistema tal-Works Request System sabiex tiġi rranġata bankina fi Triq Ta' Xagħman.

21.9.2 B' referenza għall-ilment 136/2025, resident talab li tiġi rranġata ħofra li hemm quddiem il-garage tiegħu fi Triq ix-Xabbata, dan peress li qed jidħol l-ilma u qed jagħmillu u għandu ħafna ħsara.

21.9.3 B' referenza għall-ilment 137/2025, il-Kunsill talab l-għajnuna tal-ħaddiema tal-MGP permezz tas-sistema tal-Works Request System sabiex tiġi rranġata bankina fi Triq Dun Luqa.

21.9.4 B' referenza għall-ilment 138/2025, persuna lmentat li meta kienet l-bandli bit-tifla, innutat li fil-parti t isfel,li hemm bżonn ta ftit manutenzjoni, fejn il-katina tal-bandli teħel mal-parti ta' fuq fejn hemm iċ-ċappetta fejn jidher li hu mikul naqra mhux ħażin.

21.9.5 B' referenza għall-ilment 1/2026, residenta li toqgħod fi Triq Paranji, ilmentat li meta għamlulhom l-bankina tar-residenza tagħhom ħallew ħofra b'pipe fuq l-bankina u qalulhom li dan ser jitranġa meta ssir it-triq. Issa it-triq saret, dan il-pipe għadu hemm u qed joħroġ l-ilma min ġo fih. Din ir-residenta talbet li dan jiġi rranġat, peress li jista' jagħti l-każ li ssir xi ħsara fil-basement tagħhom.

21.9.6 B' referenza għall-ilment 2/2026, resident li huwa wieħed mis-sidien ta biċċa art quddiem il-MUSEUM fi Triq Xagħman kantuniera mat-triq il-ġdida li nfetħet riċentement. Huwa qed jissuġġerixxi illi l-Kunsill Lokali jikkunsidra l-possibilità ta' esproprjazzjoni tal-parti mill-propjetà tiegħu fejn hi proposta t-triq li fiha kejl ta' madwar 66 metru kwadru b' kumpens xieraq skont il-liġijiet u regolamenti applikabbli. Is-sindku qal, li diġa tkellem mal-perit biex jagħmel stima ta' kemm tiswa' l-art in kwistjoni, liema stima skond il-perit tammonta għal madwar sebgħa u tletin elf u ħames mitt ewro (€37,500.00). Is-sindku qal ukoll, li bħala kunsill irid jagħmlu t-talba ta' esproprjazzjoni ta' l-parti ta' fuq ta' Triq Xabbata.

21.9.7 Il-viċi sindku qal, li rċieva telefonata mingħand individwu fejn talab laqgħa mas-sindku jew inkella jċempillu, rigward sqaq fi Triq ix-Xabbata, fejn joqgħod dan l-individwu u xi persuni oħra ta' nazzjonalita barranija. Dan il-persuna qed titlob l-għajnuna tal-kunsill biex dan is-sqaq jitranġa.

21.9.8 Is-sindku semma li dawk it-toroq ġodda, jridu jingħatawlhom isem kif kien maqbul f'laqgħat preċedenti tal-kunsill. Issa, waħda mit-toroq se tissemma Triq Ġanni Muscat, magħruf aħjar bħala ta' 'parpara', kien mastrudaxxa li għamel ħafna opri fil-knisja ta' Sannat b'mod volantarju u kien anki jaħdem in-nar tal-festa. It-triq l-oħra, paralella ma Triq Xamgħan huwa ssuġġeriet li tissemma Triq Kelinu Azzopardu, pirotekniku. Is-sindku qal, li ser jiċċekja r-regolamenti ta' l-ismijiet tat-toroq, biex jara jippermettiex li jiktbu l-laqam tal-persuna li ser tissemma t-triq għalih. Il-viċi sindku saqsa jekk hux ser tissemma triq għal l-ewwel sindku tar-raħal ta' Sannat. Is-sindku wieġeb, li kif diġa miftiehem f'laqgħat preċedenti, ser tissemma wkoll triq għal l-ewwel sindku, eżattament waħda mit-toroq li hemm f' Ta' Seguna. Il-kunsilliera qablu, li l-ismijiet ta' toroq għandhom jissemmew għal persuni mir-raħal ta' Sannat jew postijiet li jinsabu fir-raħal.

## 21.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 01 /2026

21.10.1 Is-Segretarju Eżekuttiva resqet l-iskeda ta' pagamenti Nru. 01/2026 li ntbgħatet permezz ta' imejl biex dawn il-kontijiet jiġu approvati mill-Kunsill. Din ġiet moqrija mill-kunsilliera Galea. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dawn il-pagamenti għandhom jitħallsu bis-sistema tal-Internet Banking. Din l-iskeda ġiet ipproponuta mill-kunsilliera Galea u ssekondata mill-kunsillier Bajada. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda approvata qed tinhemez ma dawn il-minuti ta' din il-laqgħa.

## 21.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta tal-laqgħa li jmiss

21.11.1 Il-laqgħa ntemmet fil-5.41pm u ġiet aġġornata. Il-laqgħa li jmiss hija skedata għal il-Ħamis dsatax (19) ta' Frar fis-2.00pm.

Konfermati, illum 19 ta' Frar 2026

| | |
|---|---|
| **(iffirmata)** | **(iffirmata)** |
| Philip Vella | Jeanette Grima |
| Sindku | Segretarju eżekuttiv |